**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 193/2019*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**-vs-**

**Matthew Camilleri detentur tal-Karta tal-Identita` numru 529286M**

**u**

**Omissis**

**Illum**: 15 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Matthew Camilleri u Omissis u cioe` talli:

> Nhar l-01 ta' April 2017, għall-ħabta ta' bejn 20:50hrs ġewwa 72, Triq id-Delu, Mosta:
>
> 1. Bil-ħsieb li jikkommettu delitt ta' serq għad-dannu ta' Horace Laudi u/jew persuna/i oħra, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u tghaw bidu għall-ezekuzzjoni tad-delitt billi aċċedew ġewwa l-istess residenza billi sgassaw tieqa ta' barra, u liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tagħhom u li kieku seħħ kien jikkwalifika bil-ħin, bil-mezz u bil-valur ta' iżjed minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin

ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok skont Artikoli 41 (1)(a), 263(a), 264(1), 269(g), 270, 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-detriment ta' Horace Laudi u/jew persuni oħra, fejn l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix €1,000.

3. Kissru kundizzjonijiet rispettivi ta' ħelsien mill-arrest mogħtija lilhom mill-Qrati diversament preseduti.

4. Irrendew rwieħhom reċidivisti b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra, mnaqqsa jew mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Lil Matthew Camilleri waħdu talli nhar il-15 ta' Frar 2018 u/jew fil-ġranet jew xhur qabel:**

5. Sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika u ċioe` l-Pulizija ta' Malta, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taha taghrif falz, bi ksur ta' Artiklu 188(1) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument falsifikat.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Il-**Current Incident Report** issemmi kif Adrian Stivala residenti fi Triq id-Delu, Mosta, informa lil Control Room tal-Pulizija li ra zewg persuni diehlin f'dar numru 73 fl-istess triq. Meta marru fuq il-post dan stqarr mal-pulizija li kienu ghall-habta tal-20:50hrs meta ra ragel bi flokk ahmar u jeans li dahal b'xi haga bil-ponta f'idu u b'xi dawl ta' *torch* jew mobile. Rah jiftah it-tieqa, dahal u baqa' bit-*torch.* Wara minuta ressaq ragel iehor b'jeans u flokk skur li kif lemah lilu (lil Stivala) mar jigri lura. Minuta wara, dak li kien dahal gewwa, qabad jixghel

u jitfi d-dawl u rega' hareg minn got-tieqa, hares lejh u telaq jigri. Telqu bil-vettura minn fuq il-post. Izid li dak li hareg mit-tieqa hareg biss b'dak l-oggett bil-ponta li dahal bih u bit-*torch*. Dawn iz-zewg minn nies ma kellhomx wicchom mghammad u lanqas kienu liebsin ingwanti. Kellhom inqas minn tletin sena. Il-pulizija tkellmet ukoll ma sid id-dar Horace Laudi li spjega li kien halla d-dar xi 20:10hrs; suspett ma kellu f'hadd u ma sab xejn nieqes.[1]Dan ir-rapport gie kkonfermat minn **WPS148 Denise Camilleri** li kienet issorveljat il-formulazzjoni tieghu mill-*Orderly* taghha, WPC386.[2]

**L-Ispettur Saviour Baldacchino** kkonferma dawn il-fatti w zied li minn investigazzjonijiet li saru, irrizulta li fuq il-post instabu l-impronti digitali tal-imputati. Meta l-pulizija tkellmet ma Stivala dan gharaf biss lil Matthew Camilleri mir-ritratti li gew murija lilu.[3] **L-impronti ta' Kane Grima instabu fuq *jewellery box* fil-kamra tas-sodda u dawk ta' Matthew Camilleri nstabu fuq it-tieqa ta' barra tar-residenza**. Meta tkellmu ma Camilleri, fi Frar 2018, w gharrfuh bis-sejba tal-impronti tieghu, dan spjega li hu direttur ta' Wood System SRLS, li *branch* taghha tinsab f'Malta; din kinet timporta l-ghamara. Muri r-ritratti tar-residenza, Camilleri spjega li kien mar fl-akkwati f'Settembru, 2017, u dan peress li kellu jiltaqa' ma persuna bl-isem ta' Borg biex itieh stima/*quote*.[4] Ikompli:*"Pero` dan ma giex hemmhekk fuq il-post u beda jcempilu mbaghad iddecieda li jmur f'din ir-residenza li kellha qanpiena n-naha t'isfel, imma* ***l-qanpiena ma cempiliex, ghazel li jitla` t-tarag hemm qiesu bejn wiehed u iehor sular tarag u jhabbat mal-bieb u jhabbat mat-tieqa.".*** Dan Matthew qal li ghamlu ghaliex haseb li seta' jirrisjedi xi hadd Borg. Qal ukoll li wara t-tieqa, fejn instabet l-impronta digitali tieghu, kien hemm *living room*. Sussegwentement Camilleri gie interrogat fil-15 ta' Frar, 2018, u dan biddel xi dettalji mill-verzjoni li kien taha originarjament. Fil-fatt qal li kien mar fuq il-post ghall-habta tat-28 ta' Marzu, 2017, u tahom kopja tal-*quotation* li kienet issemmiet minnu.[5]

Baldacchino jispjega li meta l-imputat gie mistoqsi dwar Kane Grima, qal li kien **jafu izda ma jiffrekwentahx**. **Cahad li ghamel xi kuntatt ma Grima fil-lejl tal-1 t'April fil-lok ta' fejn sar l-isgass.** [6] Camilleri gie mitlub jforni dokumentazzjoni u evidenza ohra biex jikkorobora l-verzjoni tieghu, tenut kont li fi kliemu kommunikazzjonijiet bejn il-kumpanija Maltija u dik fi Sqallija

[1] Fol.8
[2] Fol.216-217. **Dok.DC** a fol.219-222
[3] Fol.64-65
[4] Fol.66
[5] Fol.67-68. *Quotation* **Dok.SB** a fol.79
[6] Fol.68

kienet issir bil-Whatssap, [7] izda ma ngiebet ebda dokumentazzjoni jew xi evidenza ohra li tinvolvi lil Borg li kien qed jirreferi ghalih. L-imputat imbghad intalab jispjega ghaliex iddecieda li jmur hu personalment, filghaxija, f'indirizz mhux maghruf (ghaliex il-*quotation* ma kien fiha l-ebda indirizz) bil-*quote*, galadarba kienu juzaw il-Whattsap, kif hu stess stqarr mal-pulizija! Izda anke hawn, l-imputat baqa' ma offra l-ebda spjegazzjoni ghal dawn id-domandi u ghalkemm qal lill-pulizija li kien ser jipprovdi dokumenti, dawn ma wasslux minkejja li kien rega' gie mghajjat mill-pulizija fit-28 ta' Frar, 2018, (meta ttihdietlu t-tieni stqarrija).[8]

L-Ispettur Baldacchino jkompli: *"Investigazzjonijiet ohra li ghamilna kienu dwar in-numbers tal-mowbajl fejn is-Sur Matthew Camilleri li l-mobile number tieghu kien … 99917057 ghamilna l-ezamijiet bhala localization u bhala call profile fejn dan in-numru kien jghajjat lis-Sur Matthew Camilleri li joqghod 313, St. Albert Street, Gzira fejn jirrizulta li* ***fid-data u fil-hin inkwistjoni s-Sur Camilleri kien qieghed fil-vicinanzi tal-Mosta vicin it-Techno Park.*** *Dan it-telefon cellulari telaq minn Manoel Island ….ghall-habta tas-sebgha u ghaxra (7:10),* ***ghall-habta tat-tmienja u nofs nieqes hamsa (8:25) sa qiesu, sad-disgha neqsin ghaxra (8:50) bejn wiehed u iehor baqa` fl-inhawi tal-Mosta Techno*** *Park fejn ghamel diversi telefonati fosthom number nine nine nine seven three zero four three (999473043) waqt li kien qieghed f'dawn l-inhawi…..* ***Fil-fatt huwa mmarka wkoll li ghall-habta tad-disgha u ghaxra (9:10) rega` sab ruhu Manoel Island ...****It-tower ta' Manoel Island.* ***Fil-fatt dawn l-ezamijiet gabu lis-Sur Camilleri fuq il-post fejn saret l-incident.".***[9]

Minn investigazzjonijiet fuq il-Facebook profile ta' Kane Grima wrew li Grima kien qed juza numru differenti minn dak li taha lill-pulizija u fil-fatt l-mobile indikat fuq il-*profile page* kien dak 99973043.[10] L-ufficjal investigattiv ikompli: *"Fil-fatt mill-ezamijiet li ghamilna fuq dan it-telefon cellulari jrrizulta li* ***dan it-telefon cellulari ghal-habta tat-tmienja u nofs u tlett minuti qiesu (8:33) kien qieghed Mosta Techno Park, hemm diversi telefonati li saru bejnu u bejn il-mowbajl nine nine nine one seven zero five seven (99917057) li huwa tas-Sur Camilleri, it-tnejn (2) li huma kienu qeghdin fl-istess inhawi u wkoll hadu l-istess traittorja u flimkien dawn il-mobiles baqghu sejrin Manoel Island****. Nipprezenta dan id-dokument.".* [11]

[7] Skond dak li kien qal Camilleri lill-pulizja meta gie mitkellem l-ewwel darba, vide fol.66
[8] Fol.69-70
[9] Fol.72-73
[10] **Dok.SB1** a fol.80-82. Din il-prova qed titqies ammissibbli in vista li wasslet biex turi in-ness bejn iz-zewg imputati u l-*location* taghhom fil-hin tal-attentat ta' serq.
[11] Fol.74. **Dok.SB2** a fol.83-87

Jispjega kif issoktaw l-investigazzjonijiet kondotti minnu fejn il-pulizija ma sabet l-ebda kommunikazzjoni bejn in-numru indikat bhala ta' 'Borg' fuq il-*quote* u dak tal-imputat. Ghalkemm l-imputat intalab jghaddi wkoll il-mobile number ta' Borg dan ma offra l-ebda prova. Gie osservat ukoll li Camilleri kien jaghmel telefonati regolarment u dan mhux bl-uzu tal-WhatsApp. **Minn analizi tal-*call profile* ta' Matthew Camilleri irrizulta li saret *call* meta dan kien fil-vicinanzi tal-post li safa' intruz u propju fil-hin li kien sar l-isgass.** Jixhed, *"Fil-fatt darba meta gie s-Sur Camilleri u kien mitlub, jiena tlabt lill-Pulizija tieghu kienu ghamlu tfittxija fir-residenza tieghu u tlabt lill-Pulizija tieghi biex jekk hemm xi tip ta' dokumentazzjoni anki jekk kienu jghidu lill-familjari taghhom, fl-Ufficini taghhom jekk hemm Ufficini, kull tip ta' dokumentazzjoni, kull tip ta' email, kull tip ta' xi haga li tista` turina li dan ghandu mill-verita` kellna bzonn [prova] taghha. Pero` s-Sur Camilleri u l-Kumpanija tieghu kulma provdewlna huma iktar preventivi, iktar quotes bil-logo tal-Kumpanija."*[12]

Meta Camilleri gie mitlub jispjega l-*quote* li kien ghadda lill-pulizija bhala dik li ried jaghti lil dak b'kunjomu Borg[13], stqarr li ma kienx hu li kiteb id-dokument izda kien issir kuntatt mieghu w hu jmur iqassam il-*quotes*.[14] Ikompli l-Ispettur Baldacchino:*"Biss innutajt li fuq in-naha ta' fuq fuq in-naha tal-lemin ta' dan id-dokument hawn miktub offerta number eighteen (18) u staqsejtu biex jghidilna din xi tfisser u ma kienx jaf xi tfisser offerta number eighteen (18). Fil-fatt jiena ghamilt kuntatt ukoll, ghamilt kuntatt ukoll mal-papa` tieghu li huwa wkoll wiehed mid-Diretturi fejn spjegali sewwa li offerta number eighteen (18) in-numru huwa, ghandu x'jaqsam mal-klijent. Jigifieri jekk il-klijent f'dan il-kaz kien is-Sur Borg eighteen (18) huwa marbut mas-Sur Borg.....Jiena gieni s-suspett illi dan id-dokument li kien prezentat mis-Sur Camilleri huwa kompletament fazull, huwa kompletament maghmul biex jidderiegi, biex jaghtina direzzjoni jew johloq .....falza u qed nghid hekk ghaliex **wiehed minn dawn id-dokumenti li gie jpprezentat lilna kien ukoll offerta number eighteen (18) u cioe` allegattament kien l-istess klijent pero` il-kontenut huwa differenti**. Dan id-dokument qieghed nesebih bhala Dok. SB3.*[15] *Ta' min wiehed jigbed l-attenzjoni wkoll illi dawn id-dokumenti l-ebda wiehed minnhom ma juri email. Hawnhekk hawn miktub fuq dan id-dokument l-istrittura ta' Borg, email nine nine one seven (9917), il-mobile number. [Qorti: Umbaghad tkompli Matt. Camilleri.] matt@gmail.com. Mentri d-dokumenti l-ohra l-email taghhom huma What Systems SRLS @gmail.com jigifieri. Matthew Camilleri kien ukoll mistoqsi fuq dan il-kont fejn qalilna wkoll li kien miss dan it-tip ta' dokument qabel ma tah lilna ghaliex ma xtaqx illi l-Kumpanija tieghu tigi fit-trouble il-Kumpanija, il-Mother Company tigi fit-trouble. Mela ha nipprezenta wkoll id-dokumentazzjoni li gejt moghti u cioe` sett ta' peventivi ohrajn li gejt moghti mis-Sur Camilleri permezz tal-familja tieghu u*

[12] Fol.74.
[13] **Dok.SB** a fol. 79
[14] Fol.75
[15] A fol. 83

*wrejthom lilu."*[16] Hu l-imputat ghadda lill-pulizija zewgt (2) *screen shots* ta' *chats* biex juri b'liema mod kien qed issir in-negozju ma Wood Systems.[17]

L-ufficjal investigattiv esebixxa wkoll il-*call profile* tan-numru registrat fuq l-imputat,[18] l-istqarrijiet tal-imputat mehuda fil-15 ta' Frar, 2018,[19] u fit-28 ta' Frar, 2018.[20] Irrizulta li l-ewwel darba li l-pulizija tkellmet mal-imputat, hu ma kienx ghadu indikat bhala suspettat u ghalhekk ma ttiehdet l-ebda stqarrija kuntrarjament kif sehh fiz-zewg okkazzjonijiet sussegwenti meta rrilaxxa stqarrija f'kull okkazzjoni.

Jinghad mill-ewwel li l-Qorti ma strahitx fuq il-*call profile* esebit mill-Ufficjal Prosekutur izda fuq is-sors tieghu u cioe` id-*data* li esebiet Marisa Gauci f'isem Vodafone Malta.[21]

**Horace Laudi**, sid id-dar in kwistjoni, iddeskriva kif gie mgharraf mill-pulizija li sar sgass fir-residenza tieghu. Meta rritorna d-dar mis-cinema, fejn kien meta cemplulu l-pulizija, sab li daru giet sgassata: *"Ghax hemm id-daqqa tal-lieva fuq il-bieb u* ***min dahal, dahal mit-tieqa li tigi adjacent mal-bieb, mit-tieqa tal-aluminium …".***[22] Jispjega kif kien halla kullimkien maghluq qabel ma hargu izda meta dahal lura sab il-bieb tal-bitha t'isfel u l-bieb tal-bejt miftuhin.[23] Jispjega, *"Ahna d-dar taghna qeghda li trid titla bit-tarag jigifieri ghandi garaxx taht u trid titla bit-tarag. L-ewwel sular ghandi tibqa' sejjer gol-kcina u tigi fil-bitha u mbaghad ghandi tarag ghal fuq ghall-bedrooms imbaghad hemm tarag iehor ghal fuq il-bejt. Issa li sibt jien meta dhalt fid-dar, il-kamra ta' fuq li kienet mixghula, kien hemm affarijiet li huma affarijiet tat-tifla, li kienet qalghet rigali t-tifla li kienu esposti fuq is-seven days… Dawn ma kienux hemmekk qabel ma tlaqna, jigifieri mitluqin hemmekk".*[24] Innega li kien ordna xi kcina jew ghamara ohra.[25] Lanqas ma talab stimi minghand Wood Systems.[26]

Riprodott Laudi jikkonferma li r-ritratti esebiti minn PC844 huma tar-residenza li xehed dwarha. Dan hu importanti tenut kont li l-imputazzjoni tindika li s-

---

16 **Dok.SB4** a fol. 89-98 (b'din tal-ahhar tkun kopja ta' dik li ghadda Camilleri lill-pulizija, esebita a fol.79 bhala **Dok.SB**)
17 **Dok.SB5** a fol.99-100
18 **Dok.SB6** a fol.101-105
19 **Dok.SB10** a fol.110
20 **Dok.SB13** a fol.113
21 **Dok.MG** a fol.209
22 Fol.121
23 Vide ritratti a fol.152-155
24 Fol.121
25 Ibid.
26 Fol.122

serqa, li sehhet a detriment ta' Horace Laudi, kienet dik tal-fond nru 72 meta dak li jidher fir-ritratt hu l-fond mmarkat bin-numru 75. Ghalhekk certament ma jista' jinholoq l-ebda malintiz dwar dan.

Laudi esebixxa stima tal-hsarat u cioe` ta' €800.[27] Kif jirrizulta mill-istima ta' €800 msemmija minn Laudi, din kienet tirrigwarda biss il-bieb ta' barra.[28] Identifika bosta affaraijiet mahruga minn posthom li qabel ma hargu ma kienux thallew hemm, fosthom perli li kienet irceviet b'rigal bintu.[29] Osserva li sab kxaxen miftuhin ukoll: *"Min fetahhom telaqhom hemm bl-amment ux, bl-addocc... Jigifieri ahna ma kellniex bzonn nuzawhom dawn ..... Sa fejn naf jien ma nsteraq xejn".*[30]

**Esther Laudi** kkonfermat l-istess verzjoni dwar kif gew mgharrfa dwar l-isgass fir-residenza taghhom.[31]Meta rritornat id-dar u dahhlet fil-*main bedroom* sabet numru ta' *jewellery boxes* mftuhin pero` il-*jewellery* kienet ghada fihom. Gharrfet id-dar taghha bhala dik li tidher fid-**Dok.CM**.[32] F'dik ir-relazzjoni ddeskriviet numru ta' ritratti: *"[fol.117 sa 122] Din il-bedroom taghna u dawn il-kxaxen miftuhin. Il-kxaxen li ghidt li rajt miftuhin u l-bedroom taghna, dak kien ritratt 117, 118 l-istess, il-bedroom minn angolu differenti.... [fol-119]... Ehe il-kxaxen bl-affarijiet imqallbin gewwa u l-kaxxi li rreferejt ghalihom li kien fihom il-perli miftuhin fuq il-gradenza .....*
*.......Xhud: Din il-brown u hemm tnejn bojod, din il-bajda ta' quddiem kien fiha l-perli u ta' warajha wkoll nahseb ukoll...[kienu] fil-kexxun tan-nofs... Fil-kexxun l-ghotjien taghhom dawk u hemm il-pendent hemm, ic-curkett u l-imsielet".*[33]

**Adrian Stivala**, ix-xhud okulari, xehed kif il-*partner* tieghu kienet qed taghlaq il-purtieri tal-*living room* taghhom x'hin hu kien fuq is-sufan u qaltlu li xi hadd, li ma kienx il-gar taghhom, deher diehel mit-tieqa tar-residenza li tigi faccata taghhom. Qam minn fuq is-sufan, *"Imbaghad indunajt li ma kienx in-neighbour insomma u mill-ewwel baghat lit-tifel tieghi igibli l-mobile halli ncempel lill-Pulizija.* ***Sadanittant it-tieqa nfethet u l-bniedem dahal gewwa****, sadantittant kien hemm persuna wahda biss li dahal… One person biss li kien dahal …Kif dahal gewwa inxtghel xi dawl, mhux xi dawl[,] permezz ta' torch jew telephone jew haga u ohra u sadanittant jien cempilt lill-Pulizija.* ***Wara two to four minutes maximum, ma kienx hemm hames minuti, jinqala bniedem iehor li issa gie vicin tad-dar, li qisu sar xi***

[27] **Dok.HL** a fol. 158, u **Dok.HL1** a fol.159
[28] **Dok.HL** a fol. 158
[29] Fol.156; vide ritratt a fol. 121
[30] Fol.157
[31] Fol.160
[32] Fol.120 et seq
[33] Fol.161-162

***kuntatt bejn il-bniedem ta' gewwa …. bniedem gie …u l-bniedem mill-ewwel innutana lilna, rani. Rani fit-tieqa u mill-ewwel gie lura minn fejn gie.".***

Jispjega li meta rah hu kien hdejn it-tieqa bil-miftuh, ma kienx mistohbi u kellu d-dawl mixghul. Ikompli *"rani u ovvjament he came at the same angle he came back…. insomma sa dan il-hin, il-bniedem hareg mit-tieqa".*[34] Mumenti wara sema' karozza tistartja pero` mhux cert li kienu l-malviventi li telqu biha. Mitlub mill-ispettur prosekutur jghid jekk kienx identifika lil xi hadd meta kien issejjah id-depot jghid dan: *"Hundred per cent no. Dan hu, dan mhux hu, no. jekk harist lejn ghoxrin ritratt u nghidlek no, no, no, no, maybe, maybe, maybe, iva, imma dan hu, ma nistax nghidha. I could not figure it no".*[35]In kontro-ezami jiddeskrivi l-azzjoni tat-tieni persuna li ra meta sar l-isgass: *"Kemm gie minn kantuniera to my right,* ***mar quddiem id-dar, kif ra lili rega' gera l-istess posizzjoni minn fejn gie… … hares lejja qisu u telaq****…….Gie minn fuq bankina, qasam it-triq u ha jitla' bankina sa hemm………u telaq lil hemm u minuta wara hareg l-iehor".*[36]

Ix-xhud okulari ddeskriva liz-zewg persuni li ra ghall-habta tal-8:50 bhala eta` kienu ta' anqas minn tletin (30) sena, u ma kienux qed juzaw ingwanti.[37] **Jirrizulta li fiz-zmien li sehh ir-reat, f'April, 2017, l-imputat kellu 30 sena u Grima 22 sena, filwaqt li fuq ix-xena instabu l-impronti digitali taz-zewg imputati!**

**PC1525 Patrick Farrugia,** *scene of crime officer,* jixhed: *"fuq il-post osservajt li l-bieb ta' barra tal-fond kellu sinjali ta' sgass, principarjament sinjali ta' illivar mal-kumment tieghu more or less fl-area tas-serratura u* ***marki simili nnutajthom ukoll fuq tieqa tal-aluminium li kienet biswit il-bieb liema tieqa taghti ghal gos-salott****. Gewwa l-fond kien hemm is-soltu sinjal evidenti ta' taqlib specjalment gol-kamra tas-sodda. Mela wara li gie jffografat il-fond fil-presenza tas-Sur Horris Laudi …. kien hemm vissibli kien ir-rizultat fin-negattiv, umbaghad ghamilt ezami ghal impronti digitali mal-fond kollu permezz tal-mezzi forensici liema ezamijiet zviluppaw* ***x'impronti digitali principarjament fuq in-naha ta' barra tat-tieqa li tinsab fejn il-bieb ta' barra tal-fond propjament dik li kienet instabet sgassata, impronti fuq il-bieb ta' barra tal-fond u fuq jewel box*** *li kienet fil-kamra tas-sodda fis-sular ta' fuq. Dawn gew migbura dawn l-impronti, iffotografati u qeghdin jigu annessi flimkien ma' din ir-relazzjoni*[38] *u kif ukoll ritratti relattivi taghhom".*[39]

---

[34] Fol.164-166

[35] Fol.166

[36] Fol.376

[37] Fol.8

[38] **Dok.PC** a fol. 169A et seq.

[39] Fol.168-169

**PC569 Salvatore Salamone** ikkonferma kif kien investiga l-accessi li saru mill-internet ghal *facebook account* ta' certu LKane Grima.[40]

**PC1406 Kurt John Rizzo,** stazzjonat mal-RIU jixhed, *"ghall-habta tad-disgha (9:00) ta' filghaxija dahlet call illi kien hemm sgass fi Triq id-Dellu, il-Mosta. Morna fuq il-post rajna t-tieqa ta' barra kienet miftuha, kienet sgassata u minn ta' fuqna qalulna biex ma nidhlux minn got-tieqa ghax jista` jkun hemm fingerprints etc., allura stennejna lis-sid sakemm gie fuq il-post. X'hin gie fethilna l-bieb, klirjajna l-post biex nassiguraw li m'hemm hadd fil-post, umbaghad stennejna tal-ghassa tal-Forensika sakemm gew biex ma jidhol hadd. X'hin gew komplejna xogholna mbaghad."*[41]

**PC575 Mark Tonna**, ukoll mal-RIU, filwaqt li jikkonferma l-istess verzjoni moghtija mill-kollega li kien fil-vettura mieghu, izid aktar dettalji dwar dak l-ewwel azzjoni mehuda: *"Morna fuq il-post u sibna xi nies li bdew jindikkawlna n-nies u sibna din id-dar kienet titla` t-tarag, kien hemm tieqa u bieb ta' barra, it-tieqa kienet sgassata. Kien hemm dawl fuq jaghti u hadt id-decizjoni li ha nipprocedu gewwa pero` xi hadd minn fuq ir-radio Fizjal qalilna biex ma nipprocedux la jidher li m'hemmx nies gewwa mela ma nipprocedux gewwa nistennew lil xi hadd jifthilna. Jiena rnexxieli thru Control Room naghmel kuntatt mas-Sinjur, mas-sid ta' din id-dar illi nzerta ghax kien l-ewwel (1) ta' April ghal bidu haseb li kienet cajta, ma damx biex gie fuq il-post, ftahna l-bieb, iccekjajna l-post, kien hemm id-dawl ta' fuq kien mixghul u kien hemm xi taqlieb fil-kamra tas-sodda. Kien hemm il-bieb tal-bitha u l-bieb ta' fuq il-bejt kienu miftuhin li skont is-Sinjur kienu jkunu dejjem imsakkrin, qbizna fuq il-bjut l-ohrajn u jrrizulta kollox fin-negattiv"*[42].

**Marisa Gauci**, in rapprezentanza tal-Vodafone, esebiet CD li tikkontjeni informazzjoni inkuz *call profiles* u *localization data* fuq zewg IMEIs u zewg mobile numbers, u cioe` dawk tal-imputati.[43]

**L-Inginier Mario Cordina**, in rapprezentanza ta' Vodafone, esebixxa informazzjoni dwar il-*location* u *coverage maps* ta' tlett cell I.Ds [44] Dawn jirrigwardaw ir-*radio base station cells* Technopark, Ibrag_Taylor u Manoel_Island. [45] Il-*coverage maps* rigwardanti kull *station cell* ukoll gew esebiti.[46] In kontro-ezami mistoqsi fuq l-antenna taht l-isem Mosta Technopark jispjega li: *"Radio network huwa maghmul minn numru ta' base stations. Kull base stations jkollok tlett antenni, insejhulhom cells, u kull cell ghandha coverage assocjat*

---

[40] Fol.171. **Dok.SS** a fol.173 et seq.
[41] Fol.202
[42] Fol.203-204
[43] Xhieda a. fol. 206; **Dok.MG** a fol.209
[44] Xhieda a fol.210; **Dok.MC** a fol.212 et seq
[45] Fol.212
[46] Fol.213-215

*maghha li jkun studjat partikolari. L-isem li tajtni jirreferi ghal base station partikolari imma mintiex qed tghidli liema cell terga minn dawk it-tlieta partikolari li inti tixtieq li jkollok informazzjoni fuqha…. **Dan il-kaz huwa l-call data record juri li huwa l-Mosta Techno Park, 3G sector C, huwa sector partikolari**…. preparajt dokument li juri l-coverage map bid-dettalji ta dan it-transmitter partikolari … dak id-dokument huwa maqsum fi tlett bicciet. L-ewwel parti hija l-call data record, it-tieni parti hija fejn ghandek il-mappa ghandek ic-cirku immarkat bl-ahmar huwa fejn jinsab ir-radio base station, is-sit u t-transmitter u l-area li hija mmarkata roza sort of, hija l-approximate coverage map ta' dak ic-cell"*.[47]

Mistoqsi mill-Qorti dwar jekk Triq id-Delu hiex koperta minn dan is-*cell,* Cordina **jikkonferma** ***"parti minnu huwa kopert iva**. Iktar ma titbijjed lejn il- lejn il-Mosta fil-verita hemm hekk ma jidhirx li huwa kopert b' din ic-cell imma ghandek **parti minnu li huwa kopert f' din is-sector**."*.

**Il-Qorti tista' tara li Triq id-Delu, immarata b'cirku blu, taqa' fil-periferija tal-parti roza indikata fil-*coverage map* tas-*cell tower* Technopark fil-Mosta!**

Muri il-*call data record* esebit in atti,[48] ix-xhud jghid: *"Illi saru numru ta' attivita ta' mobile originating calls u mobile terminating calls, dawn li kienu qeghdin fl-ewwel t' April two thousand and seventeen bejn it-tmienja u nofs u disgha neqsin kwart bejn wiehed u iehor. Din l-attivita kienet qeghda fuq c-cell Techno Park 3G sector C, illi ghadni kif prezentajt id-dokument li juri **l-coverage map fuq liema dokument ukoll gie indikat triq partikolari illi tidher li qeghda tigi within jew koperta parti minnha minn din is-sector."***[49]

Stqarrijiet ta' Camilleri

Il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-istqarrijiet tal-imputat, primarjament l-ewwel stqarrija tal-15 ta' Frar, 2018, in kwantu li fit-tieni stqarrija ghazel li ma jirripondix il-maggioranza ta' domandi li sarulu.

Din l-ewwel stqarrija hi msewsa minn nuqqas assolut ta' kredibbilita`, fejn dak li jghid l-imputat jibqa' ma jigi kkoroborat bl-ebda mod u fejn l-ispjegazzjonijiet li joffri ma ghandhomx mis-sewwa, la in kwantu ghall-dak li jiddetta is-sens kommun u wisq anqas in kwantu ghall-ispjegazzjonijiet li jaghti dwar kif suppost kien jitmexxa n-negozju li jishaq kien qed issir mal-kumpanija estera w li minhabba f'tali negozju ltaqa' mal-injot bl-isem ta' Borg.

---

[47] Fol.367. Vide ukoll **Dok.MC** a fol.370
[48] Fol.102 et seq
[49] Fol.369

Camilleri jibda biex jikkonferma li n-numru tac-cellulari tieghu hu 99917057.[50] L-ispettur jaghmel riferenza li kien diga tkellem ma Camilleri informalment meta ma kienx ghadu suspettat sabiex jinghata opportunita` jispejga ghaliex fuq il-post kienet instabet l-impronta tieghu.

L-imputat jikkonferma dan ukoll u jiftakar li f'dik l-okkazzjoni kien qal lill-ispettur li gharaf id-dar *"ghax **habbat** bi zball fija".*[51]Muri ritratt tad-dar li giet sgassata, jispjega li kien mifthiem ma persuna bl-isem Borg biex itih stima; kull ma kellu ismu w kunjomu w xejn aktar dettalji. Skond Camilleri huma kellhom *site* fuq Facebook u kien hemm li klijent prospettiv kien jaghmel kuntatt maghhom: *"ghandna site fuq il-facebook taghmel kunttat maghna jekk int ghandek il post qaghdu vojt jew tridni nigi fil post sa kemm ma jkollokx stima ta xi hadd iehor u jkollok il-qisien ezatt u ttina il-qisien biss hekk orrajt ikollhi l-indirizz kollox."*[52]

Dak li jsegwi juri li sa mill-bidu nett Camilleri kien inveritjier fejn isib diffikulta` joffri spjegazzjoni li ghandha mis-sewwa, mill-logika u mill-buon sens!

Muri r-ritratt tad-dar li sfat intruza, jiddikjara li kien fil-vicinanzi taghha peress li kellu jiltaqa' mal-klijent li talab stima minghand il-kumpanija Taljana li kien jirraprezentaha f'Malta. Jghid li f'dan il-kaz **ma ftehmux li jiltaqaw fl-indirizz tal-fond** u dan meta ghadu kemm ddikjara li persuna li titlob stima *"ttina il-qisien biss hekk orrajt ikollhi l-indirizz kollox."*[53]

Jistqarr: *"Ltqajt ma dan il-persuna biex tghajtu l-istima. Li niftakar zgur hundred percent ftehmna fi triq dan kien ghal habta ta' tmienja u kwart u jiena tfixkilt".* Jghid li mar bl-istima l-Mosta izda ma kienx ftiehem ma din il-persuna li jiltaqa' maghha fl-indirizz ta' xi fond, izda semplicement kellhom jiltaqghu fit-triq fil-8:15pm izda dahal fi triq hazina. **Negozju li jsir f'nofs ta' triq hu suspettuz fih innifsu – dejjem kieku dan kien minnu!!**

Camilleri jkompli: *".... ftehmt mieghu jiena **mhux id-dar fejn kien ser isir ix-xoghol** ghax hu fuq barra kien qed xoghol fhimtni qalli fejn l-ewwel dar jiena mort habbat l-ewwel dar li hija dik li rajt hemmhekk. Kif rajt li ma fetahli had ergajt cempiltlu u ghedtlu isma hawnhekk habbat u ma fetahli hadd….Ghandi n number tal-mobile hemmhekk. Ghedtlu isma habbat u ma ftehali hadd ghedtlu ma ghedtliex li qed tistennini?".* Camilleri jghid li dan kien xi 7.30pm u cempillu hekk kif kien niezel it-tarag.

---

[50] Fol.308
[51] Fol.309
[52] Fol.310
[53] Fol.310

Il-Qorti tistaqsi, j**ekk kellu jiltaqa' mieghu fit-8:15pm u kien jaf li kien fuq xoghol, ghaliex kellu ccempillu tlett kwarti qabel??** Izda anke din id-dikjarazzjoni hi kontradetta mill-provi.

Fil-fatt ezami tal-*call profiles* tac-cellulari ta' Camilleri turi li **ma saret l-ebda telefonata** f'dawk il-hinijiet li giet intercettata minn xi *cell tower/antenna* li hemm fil-vicinanzi. L-ewwel telefonata li tirrizulta li saret bil-mobile tieghu w li saret fiz-zona, hi propju dik tat-**8:18:12 meta ghamel *missed call* lil Kane Grima.**[54] Telefonati ohrajn li saru f'dik l-istess zona tul il-jum tal-1 t'April, 2017, **saru biss lil Kane Grima, fit-8:26:18pm**.[55]

Kien **ghadu fiz-zona meta rcieva s-segwenti tlett (3) telefonati (MTC-mobile terminating call) minghand Grima u minn hadd izjed; dan kien fit-8:33:34pm, 8:40:24pm u 8:41:27pm**.[56]

Il-verzjoni frott tal-imaginazzjoni tal-imputat Camilleri, tkompli tohrog fil-berah meta dan jasal biex jistqarr li mhux talli cempel lil **persuna misterjuza bl-isem Borg** darba, izda addiritura rega' cempillu propju meta dan ra li ma kienx fl-indirizz tad-dar li ha l-izbriga jitla` it-turgien kollha taghha; meta ghazel ma jcempilx il-qanpiena li kient parti minn *intercom* qabel ma jibda tiela dak it-tarag kollu! [57] Lanqas din it-tieni telefonata ma tirrizulta mill-*call profile* li l-informazzjoni dwaru tmur lura sal-25 ta' Marzu, 2017.

Dan meta l-imputat kien stqarr mal-pulizija li mar fl-akkwata ghall-habta tat-28 ta' Marzu, 2017: *"Xi erba t'ijiem ħames t'ijiem wara li printjat l-istima…."*;[58] stima li tindika id-data tat-28 ta' Marzu, 2017.[59]

Tant l-imputat qed jaghmel riferenza ghal dan id-dokument, li meta s-surgent jistaqsieh jekk iltaqax ma Borg, Camilleri jwiegeb: *"Fit-28, li din kif nista immagina inhaddmitx u ntbghatitx fl-istess gurnata ma nistax nghid imma qabel ovvjament ltqajt mieghu"*.[60]

---

54 **Dok.MG** a fol. 209**;** Tab ***"Switch unsuccessful cdrs".*** Kopja **Dok. SB6** esebita a fol.105

55 Fol.103 kopja tad-data f'**Dok.MG** a fol. 209. Vide File ***"99917057"; Tab "Switch cdrs"***.

56 **Dok.MG** a fol. 209; File ***"99917057"; Tab "Switch cdrs"; Column H;*** Kopja **Dok. SB6** esebita a fol.103

57 Vide ritratt a fol.129

58 Fol.312

59 **Dok.SB** a fol.79

60 Fol.328

**Analizi tal-*call profile data,* li tajjeb jigi ribadit, tirrisali ghall-25 ta' Marzu, 2017, ma toffri ebda evidenza li l-imputat ghamel xi telefonata fl-inhawi tal-Mosta fejn sehh l-attentat ta' serq nhar l-1 t'April, 2017!**

**Izda mill-25 ta' Marzu, 2017, sal-1 t'April, 2017, l-uniku zmien li jirrizulta li Camilleri kien fil-Mosta kien biss fil-jum u hin li kienet qed tigi sgassata d-dar ta' Laudi u dan meta it-telefonati kollha li saru mill-imputat kienu kollha lil Omissis u lil hadd izjed**.

*"Spettur: Kemm qilek tuża din il-linja?*
*Matthew Camilleri: Min dejjem ta*
*Spettur:M'ghandekx mobile iehor tax xoghol?*
*Matthew Camilleri: Le*
*Spettur:Meta mort l-Mosta lil dan Borg min fuq dan il-mobile cempiltlu?*
*Matthew Camilleri: Bilfors hux"*[61]

**Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat cempel in-numru indikat bhala dak li jappartjeni lil dan Borg, la mill-Mosta u lanqas minn xi lokalita` ohra; Ragel misterjuz b' kunjomu Borg; li dettalji ulterjuri tieghu jibqghu ma nghatawx mill-imputat. Madanakollu l-imputat jaghti isem Borg propju peress li hu wiehed mill-iktar kunjomijiet komuni!**

L-imputat jghid ukoll li ra persuna fil-gallarija u staqsiha fejn suppost kien joqghod dan Borg.[62] Fatt iehor li ma gie kkorroborat bl-ebda mod u dan meta seta' facilment jipproduci din il-persuna bhala xhud biex jissostanzja dak li stqarr galadarba din il-persuna jaf fejn kienet tirrisedi ghax fi kliemu kienet fil-gallarija!!

Jinghad mill-ewwel li zgur li din il-persuna ma kienitx x-xhud okulari Stivala ghaliex skond dan ix-xhud, il-persuna li raha, *"**mar quddiem id-dar, kif ra lili rega' gera l-istess posizzjoni minn fejn gie……hares lejja qisu u telaq**…**Gie minn fuq bankina, qasam it-triq u ha jitla' bankina sa** hemm…u telaq lil hemm u minuta wara hareg l-iehor".*[63]

Camilleri jfakkar lill-ispettur dwar meta tkellmu l-ewwel darba, li kif jixhed Baldacchino dan kien fi Frar meta Camilleri ma kienx ghadu suspettat u gie mitlub jaghti spjegazzjoni ghall-presenza tieghu fuq il-post.[64] Dakinhar Camilleri kien semmielu kcina fost ohrajn bhala is-suggett tal-*quote* destinata

---

[61] Fol.315
[62] Fol.311
[63] Fol.376
[64] Xhieda Baldacchino a fol.66

ghal din il-persuna bl-isem ta' Borg, *"tiftakar kont ghedtlek x'kien ha…[Surgent: Kcina zgur]……ghedtlek kcina, sufan u wall unit"*.[65]

Din il-*quote* hi intestata "Offerta" u li ggib ir-riferenza *"Offerta n.18"*, hi datata it-**28 ta' Marzu, 2017**.[66] Izda mid-dokumenti li il-pulizija gabret minghand il-familjari ta' Camilleri, jidher li hemm *"Offerta n.18"* **ohra** datata **it-2 ta' Frar, 2018**, u cioe` **ghaxar xhur wara l-isgass!!**[67]

Jigi sottolinejat li f'din il-*quote* jissemmew kcina, sufan u wall unit izda iktar il-quddiem dik il-quote tinbidel f'wahda ghall-bibien!

Il-Qorti tinnota li minbarra differenza fid-dati kif intqal, hemm diskrepanza mhux ghal dak li jirrigwarda l-*contact details* tal-imputat, li strament jidhru biss fuq dan id-dokument u fl-ebda dokument iehor, izda anke fil-**kontenut** tas-suggett tal-stima.

**Fil-fatt dik li taha l-imputat lill-pulizija (meta gie interrogat[68]), hi *inter alia* ghall-kcina kif kien semma ma tkellem maghhom informalment, filwaqt li dik li ngabret mill-pulizija minghand familjari tal-imputat turi li l-*quote* hi ghall-bibien.**[69]

**Anke il-font fejn hemm indikati l-*email* u c-cellulari tal-imputat, huma differenti mill-kumplament tal-*font* uzata fit-*template* li hi l-istess u konsistenti fuq il-*quotes* l-ohra kollha ghajr ghal dik *Offerta n.18* datata 28 ta' Marzu, 2017.**

Ta' min issemmi wkoll li Baldacchino jixhed li l-ewwel darba meta tkellmu ma Camilleri, mhux taht interrogazzjoni, u meta ma kien ghadu ma ghaddilhom l-ebda dokument, dan qalilhom li l-persuna misterjuza Borg kien talab stima ghall-kcina[70] u mar biha f'dik it-triq ghall-habta ta' Settembru: *"Ghal l-ewwel mort Settembru imma kif qallibt l-istimi kollha l-unika wiehed li telali Borg u għalhekk mill-ewwel niftakara cara, ghax ghamilt xi 20 minuta nistennieh hemm ghedt dan bil Malti qed jitnejjek bija, tellani ghal xejn…."*.[71]

---

[65] Fol.334
[66] **Dok.SB** a fol.79
[67] **Dok.SB3** a fol.89
[68] Fol.79
[69] Fol.89
[70] Riferenza li meta mitkellem precedentement kien qal li dan Borg talab quote ghal-kcina *"tiftakar kont ghedtlek x'kien ha…[Surgent: Kcina zgur]……ghedtlek kcina, sufan u wall unit"* a fol.334
[71] Fol.313

Minkejja li jistqarr li qabel ma tinghata' stima ikunu saru *workings* tal-qisien, Camilleri jibqa' ma jipprovdi l-ebda korroborazzjoni ghal dan rigward l-*quote Offerta n.18* bl-isem miktub ta' Borg fuqha.

Certament u galadarba l-*quote* prezentata minnu hi daqsekk dettaljata, fejn jissemmew *"Cucina (L180x P64 x H208cm) Divano Ecopelle Luna u Parete TV Bianco Gloss"*, il-Qorti kienet tistenna li xi informazzjoni, sew jekk minghand il-klijent Borg jew minghand id-ditta li hadmet din l-istima u l-*workings* relattivi, inkluz evidenza li turi meta giet mitluba din l-istima, kienet tigi provduta. Dan ma sarx u hemm mankanza assoluta ta' provi li jibdew jissostanzjaw il-verzjoni ta' Camilleri.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, u tenut kont tad-diskrepanza bejn il-*quotes* imsemmija, kollox jindika li d-dokument li hu ghadda lill-pulizija,[72] ingieb minnu bil-ghan li jikkorobora l-ewwel verzjoni li taha lill-pulizija meta ma kienx ghadu suspettat u cioe`:

(i) **li l-ordni kienet ghall-kcina (u b'hekk nehha il-bibien li kienu indikati fil-*quote* originali); u**

(ii) **jaghtiha data aktar vicina ghall-jum li fih sehh l-isgass**.

Meta mitlub jispjega ghaliex mar ihhabbat mar-residenza li giet sgassata, minflok cempel il-qanpiena li qeghda fil-bidu tat-tarag li jwassal ghal-bieb tar-residenza, l-imputat jghid li ma rahiex: *"ma rajtix kieku kont ndoqqa il-qanpiena ma daqqejtiex ma niftakarx…."*.[73] Habbat mal-bieb u ma fetah hadd u ghalhekk *"habbat mat-tieqa ukoll"*[74]

Issa anke hawn mhux kredibbli l-imputat. **PC 844 Carl Micallef** ipprezenta faxxikolu ritratti fejn fost ohrajn tidher kif inhi mqassma l-faccata tad-dar in kwistjoni. It-tieqa tizbokka fuq tarag li mit-triq jiehdok ghall-ewwel sular fejn jinsab il-bieb principali.[75] Jidher cjar li q**abel ma jibda sular tarag maqsum f'xejn anqas minn zewg indani, fid-*drive way* hemm *letter box* u intercom**.[76]

Ghalhekk ma jaghmel ebda sens li wiehed jiehu l-izbriga **jidhol go fond privat, jitla' sular tarag** biex ihabbat ma bieb propju meta isfel, mat-triq, hemm intercom!

[72] **Dok.SB** a fol.79
[73] Fol.315-316
[74] Fol.316
[75] Fol.129
[76] Fol.130

Difficilment jigi emnut Camilleri kkunsidrat il-fatt li r-residenza ma kellhiex xi qanpiena zghira jew mistura li tahrab l-ghajn, izda l-*intercom set* hu wiehed mdaqqas li jidher anke mir-ritratti tal-fond li ttiehdu minn naha l-ohra tat-triq![77]

Lanqas ma jaghmel sens Camilleri meta gie mitlub jispjega ghaliex fl-ewwel istanza meta mitkellem qal li ra dlam biss, u issa, meta interrogat, semma li raha *living room:*

*"Matthew Camilleri: Xejn dlam biss*
*Spettur: L-aħħar darba ghedtilna li kien hemm il-living room…..Ghedtlek ghalfejn habbat it-tieqa u ghedtli ghax kien hemm il living room*
*Matthew Camilleri: Tini waħda cans, kif nifhima jien jekk inti ghandek dar ghal inqas f'kull dar li dhalt fija jien l-ewwel tieqa ta barra ma tkun qatt karma tas-sodda qatt…..Issa jien habbat mat tieqa, id dawl kien mitfi, ma fetahli had ghedt dan gabni ghalxejn, fuck it tnejjek bija, inzilt u kif nzilt it tarag".*[78]

Tul l-interrogazzjoni jigi mitlub kemm il-darba sabiex jaghti aktar dettalji fuq il-persuna li kellu jiltaqa' maghha – Borg, li baqa' priv minn kull dettal iehor; sabiex jipprovdi dokumentazzjoni li tikkorobora l-verzjoni tieghu dwar kif kien isir in-negozju mal-kumpanija estera u senjatament dak li ghandu x'jaqsam mal-Offerta n.18 allegatament mitluba minn dan Borg. Ma jaghmel xejn minn dan; bahh assolut ta'provi li jwasslu lill-Qorti tqis li dak irrakontat minnu mhu xejn ghajr invenzjoni tieghu.

Camilleri imbghad gie mitlub mill-investigaturi jispjega ghaliex fuq *Offerta n.18* li ghadda lill-pulizija u li fuqha hemm miktub bil-*biro* mhux biss id-dettalji tieghu izda ukoll il-kliem *"Borg 99372830"*. L-ghemil ta' Camilleri jizvela kemm hu minnu l-qawl Malti "il-giddieb ghomru qasir".

Fil-fatt hekk kif Camilleri, bit-tir li taparsi qed iffittex dan id-dokument minn fuq il-mobile, jaghmel zball kardinali. Hekk kif jibda jfittex fuq il-mobile issegwi din il-konversazzjoni li twassal sabiex timmina propju dak li kien ghadu kemm stqarr rigward id-data ta' vera tad-dokument intestate Offerta No.18:[79]

---

[77] Fol.129
[78] Fol.316-317
[79] **Dok.SB** a fol.79

*"Spettur Hallieh hemm il-mobile*
*Matthew Camilleri: Tini cans ara x ser niftah, **din hawn data 2/2/18 issa jien ha nurik meta rcivejta, 2nd February fl-istess gurnata….***
*Surgent: Din il quotation li gibtilna **min ircevija?***
*Matthew Camilleri**: Jiena**….*[80]

**Dan ifisser li rceviha fi Frar, 2018!**

Ghalhekk kif jista' jaghmel sens li **f'Marzu, 2017, mar iqassam *quote* li kien jonqosha 11 il-xahar iehor biex tassal ghandu?** Kif jammetti hu stess, wara li fittixha fuq il-mobile tieghu,[81] jistqarr li rcievaha fid-data li hemm indikat fuqha, dik tat-2 ta' Frar, **2018; kwazi sena wara. Ma jridx jintnesa li d-dar ta' Laudi sfat sgassata fl-1 t'April, 2017!!**

**Il-Qorti qed tissottolineja li ghalhekk bl-ammissjoni tieghu stess, l-imputat sab l-*Offerta n.18* bid-data tat-2/2/2018 li kienet il-vera offerta No.18**

Madanakollu hu ghazel li jaghti lill-Pulizija dokument *Offerta N.18* kjarament **immanipulat** bl-isem ta' Borg li ggib id-data tat-28 ta' Marzu, 2017.[82] Data ferma aktar vicina ghall-meta sehh l-isgass!

**Konfessjoni mill-aktar inekwivoka** li dak id-dokument li ghadda lill-pulizija ma kien xejn ghajr fabbrikazzjoni fit-tentattiv tieghu li jipprova jissostanzja dak li kien qal lill-pulizija meta gie mitkellem l-ewwel darba qabel l-ewwel stqarrija.

Iktar minn hekk, minn analizi tal-*call profile* data tal-imputat, u dan sa mill-jum tal-25 ta' Marzu, 2017, **ma tirrizulta l-ebda telefonata lejn jew min-numru 99372830.**

Gie soddisfacentement ppruvat ukoll li fl-ebda *quote* ohra ma jidhru **l-*email* u n-numru tac-cellulari tal-imputat ghajr ghal dik li ghadda lill-pulizija** li kopja tal-istess tidher li nghatat ukoll lill-pulizija minn familjari ta' Camilleri.[83]

Il-mod konfuz li bih jipprova joffri xi tip ta' spjegazzjoni johrog aktar fid-deher meta jipprova jiddeskrivi l-mod li suppost kien issir in-negozju f'isem il-kumpanija Taljana:

---

[80] Fol.327
[81] Ibid.
[82] **Dok.SB** a fol.79
[83] **Dok.SB3** a fol. 88 u **Dok.SB4** a fol.89 et seq

*Surgent: Is sinjur Borg lil min cempel ghal quotation?*
*Matthew Camilleri: Lilna ghandek in numru ghamilt kuntatt mieghu iktar min hekk ma nistax nghidlek sir*
*Surgent: Jiena is-surgent Keith gejt ghandek jew cempiltlek isma irrid quotation u int gejt thabbatli biex taghmilli quotation. Dan kont qaghdek qatt ma ltqajt mieghu inti kif hrigtlu l-karta diga? Ghax ghandek Id data qabel*
*Matthew Camilleri: Tini cans, tini cans. Ha nfehmek inti jkollok stima qabel ma tigi ghandi tghidli irrid stima b dawn il qisien precizi ghax ikunu il qisien li hadu d designers jien niehu dawk il qisien u nahdimlu stima ta kcina taghna*
*Spettur: Min meta qed tghid taghna?*
*Matthew Camilleri: Mhux jiena, jien nurih fuq fuq.*
*Spettur: Mela mhux inti min?*
*Matthew Camilleri: Jien ritratti nurih*
*Spettur: Mhux inti min, min jahdima?*
*Matthew Camilleri: Barra, kieku nahdimhom jien ma ghandiex ghalfejn nirciviehom whatsapp, mhux hekk keieku tajjeb naf nahdem il kcejjen u naghti l-istima kieku jkunu gandi fuq il laptop tieghi nghidlek ha ngiblek il laptop issa*
*Surgent: Qabel ma mort ghand Mr Borg f'din il gurnata kont ltqajt ma Mr Borg?*
*Matthew Camilleri: <u>Fit-28</u>, li din kif nista immagina inhaddmitx u ntbghatitx fl-istess gurnata ma nistax nghid imma qabel ovvjament ltqajt mieghu….*[84]

Jinsa li ghadu kemm qal li l-*quote* intbghatet fit-**2 ta' Frar, 2018**!! Tkompli l-interrogazzjoni:

*Spettur: Lil min kellem l-ewwel Borg?*
*Matthew Camilleri: Lil missieri ghax kieku kellem lili niftakar*
*Spettur: Kellem lil imissierk u xtah?*
*<u>Matthew Camilleri: Nahseb tah l affarijiet</u>*
*<u>Spettur: X'affarijiert?</u>*
*<u>Matthew Camilleri: Qisien u missieri dawwarhom</u>*
*<u>Spettur: Mela suppost imorru ghand missierek sibu l qisien</u>*
*Matthew Camilleri: Ma nafx nghidlek ghax din ma gitx mixtrija ma hadiex u ahna ma nzommuhomx*
*Spettur: Jigifieri il quotation ma zammiex?*
*Matthew Camilleri: Mhux il quotation ma nzommux ezempju inti mort ordnajt jekk ma ghamiltx il purchase order tigix tghdli li ser izzomm*[85]*……….*
*Spettur: Mela kif gharaft li ts-sur Borg din, mhux e mail kellek din bil biro miktuba*
*Matthew Camilleri: Imma ghalfejn qeghda Borg hawnhekk?*
*Spettur: Le hallik min Borg ismani ftit  kif araft li tas sur Brog din?*

[84] Fol.327-328
[85] Fol.328

*Matthew Camilleri: Jien x ghedtlek li ordna*[86]*………Jien kif jibghatuli nipprintja jien li nista nghidlek ghalhekk qed nghidlek issa mmorru l-Qorti jien kif mmorru l Qorti anke nies min barra ngib nghidlu issa wiegeb gol Qorti ghalfejn hawn miktub din ghax jien dak ma ghandiex access ghalihom.*
*Surgent: L-ewwel l-ispettur saqsik inti din printjajta mil computer min fej gibta din?*
*Matthew Camilleri: Dik sibta u printjajta*
*Spettur: Sibta mil computer?*
*Surgent: Fehem lil ispettur u lili kif gharafta ghax din issa miktuba bil biro kif gharafta li ta Borg dik fhemna*
*Inti qed tghid din issa miktuba bil biro ghalfejn qed tghidli li din ktibta issa jien?*
*Spettur: Imma bil biro miktuba*
*Matthew Camilleri: Imma allura bilfors ktibta issa?*
*Spettur:Mhux issa orrajt imma min wara li printjajta ktibta bil fors din hija photocopy*
*Matthew Camilleri: Dik photocopy sir ghalhekk qed nghidlek…Imma photocopy sir ghalhekk qed nghidlek*[87]*……*
*Surgent: Nista nsaqsik l ahhar mistoqsija jien, din il karta ircivejta inti, x'ircivejt ma din il karta? Ha nibdew min hemm,* ***Mr Borg kellem lilek jew lil missierek?***
***Matthew Camilleri: Lili***
*Surgent: Qabel din id data?*
*Matthew Camilleri: Mhux hekk*
***Spettur: Qallek irrid quote?***
***Matthew Camilleri: Ezatt***[88]

Jigi mfakkar li ftit mumenti qabel, mistoqsi l-istess domanda, qal mod iehor, li Borg ma missieru tkellem**:**

*Spettur: Lil min kellem l-ewwel Borg?*
***Matthew Camilleri: Lil missieri ghax kieku kellem lili niftakar***
*Spettur: Kellem lil imissierk u xtah?*
*Matthew Camilleri: Nahseb tah l affarijiet*
*Spettur: X'affarijiet?*
***Matthew Camilleri: Qisien u missieri dawwarhom***[89]

Il-Qorti tistaqsi:

- Lil min talab *quote* Borg; lill-imputat Camilleri jew lill-missieru?
- U fejn huma dawn il-qisien u l-kalkoli/*drawings* li jirreferu ghal dak li gie dwarhom 'Borg' talab *quote*?

[86] Fol.330-331
[87] Fol.333
[88] Fol.337
[89] Fol.328

– Fejn hi l-korrispondenza jew kommunikazzjoni li suppost ghamel maghhom dan Borg?

L-ispettur ikompli bl-interrogazzjoni tieghu fejn jipprova jisslet xi tip t'informazzjoni li tasal tissostanzja l-verzjoni li jaghti Cammileri, izda ta' xejn; il-verzjoni tal-imputat tissokta f'wahda konvoluta ghall-ahhar:

*Spettur: Ghaddilek il qisien li suppost ghandek il provi taghhom*
*Matthew Camilleri: Mhux necessarjament ghax jekk ma tkunx dahlet l order ma nibqawx inzommuhom*
*Spettur: U bghatta barra u baghtulek il prezzijiet naqblu baghtu lilek?*
*Matthew Camilleri: Ehe*
*Spettur: L-affarijiet li hawn apparti din li miktuba bil biro baghtuwa huma?*
*Matthew Camilleri: Sorry?*
*Spettur: Baghtuwa huma?*
*Matthew Camilleri: Mhux hekk*
*Spettur: Din kif inhi kollha kif inhi?*
*Matthew Camilleri: Mhux hekk*
*Spettur: Tista tfehmni kif in number tieghek u l-email tieghek huma differenti mhux l-istess kaligrafija mal kumplament*
*Matthew Camilleri: X'jigifieir mhux l-istess kaligrafija?*
*Spettur: Jekk tara din dan kulur ahdar u dan iswed il kliem izghar in number…."*[90]

It-tieni stqarrija tieghu giet rilaxxata fit-28 ta' Frar, 2018, u din id-darba jsemmi lil persuna Borg bhala certu Jonathan izda minghajr dettalji ulterjuri.[91] Din id-darba jistqarr li kien jikkomunika ma dan Borg permezz ta' Whattsap.[92]

**Madanakollu kif gja` ntqal, lanqas l-icken prova ma ngabet li turi li verament kien jezisti dan Borg.**[93] Kif sewwa qalulu l-pulizija fil-kors tal-interrogazzjoni, li kieku kien minnu li kien jaghmel kuntatt ma Borg bil-Whatssap, kien igib prova tan-numru tieghu, tad-dettalji tieghu minn fuq il-mobile. Bejn l-ewwel u t-tieni stqarrija ghaddew xejn inqas minn 13 il-jum. Possibbli li f'dan il-perjodu baqa' ma offra l-ebda informazzjoni, ma sab l-ebda kommunikazzjoni ma dan il-persuna, anke issa li kien gie mgharraf b'dak li hu suspettat f'serqa?

Il-pulizija esebiet *chats* li inghataw lilha mill-familjari ta' Borg biex juru kif kien issir il-kuntatt mal-intrapriza taghhom.[94]

---

[90] Fol.337
[91] Fol.300
[92] Fol.303
[93] Fol.75-76
[94] **Dok.SB5** a fol.99-100

**Isegwi ghalhekk, li hekk kif instabu *chats* ma terzi, kienu jinstabu ukoll ic-*chats,* jew informazzjoni kwalsiasi ohra, sabiex jintwera li dan Borg ma kienx biss finzjoni tal-immaginazzjoni ta' Camilleri. Ghaliex informazzjoni jew xi dettal iehor baqa' ma nstab xejn dwar dan Borg izda dwar klijenti ohrajn instabu w nghataw lill-pulizija kopji tal-kommunikazzjoni li saret maghhom? Kif jista' bnieden jisfuma fix-xejn?**

*Call-Profile & Localization Data*

Analizi tal-*call profile* tac-cellulari ta' Camilleri,[95] li kif jiddikjara hu stess,[96] ghandu n-numru 99917057, turi s-sewgenti: bejn is-07:17:38pm sas-7:19:09pm meta ghamel zewg calls (MOC - *mobile originating call*), l-*antenna/cell tower* li qabdet il-*calls* ma terzi kienet dik ta' Manoel Island u ghalhekk tindika li Camilleri kien qieghed f'dik l-akkwata.[97]

Jirrizulta izda li **sa mit-8:18:12pm meta ghamel *missed call*[98] lil Kane Grima, hu kien gja fiz-zona ta' Technopark ghax inqabbad minn dik l-*antenna.* Meta rcieva call (MTC - *mobile terminating call*) fit-8:26:16pm** kien ghadu fiz-zona li nqabdet mill-*antenna* tat-**Technopark**. Kien **ghadu fiz-zona meta rcieva (MTC) is-segwenti tlett (3) telefonati minghand Grima u cioe` fit-8:33:34pm, 8:40:24pm, 8:41:27pm**.[99] Kien Camilleri li cempel (MOC) lil Grima, meta baqa' fl-istess zona ghax baqa' fl-istess *antenna range,* fit-**8:43:46pm u din hi l-iqsar telefonata li ssir bejnithom f'dik il-lejla, telefonata ta' 7 sekondi!!**[100] Qabilha kien ghamel *missed call* lill-istess Grima **fit-8:41:20pm**. [101] Meta jaghmel telefonati lil terz - wahda fit-8:59:39pm jinqabad mis-*cell tower* Ibrag Taylor u l-ohra issir fid-9:08:20pm u jinqabad mis-*cell tower* ta' Manoel Island.[102]

---

[95] **Dok.MG** a fol.209; Vide File ***"99917057" Customer Details.*** Kopja **Dok. SB6** esebita a fol.101

[96] Fol.308

[97] **Dok.MG** a fol.209; Vide File ***"99917057"; Tab "Switch cdrs".*** Kopja **Dok. SB6** esebita a fol.103

[98] **Dok.MG** a fol. 209; Tab ***"Switch unsuccessful cdrs".*** Kopja **Dok. SB6** esebita a fol.105

[99] **Dok.MG** a fol. 209; File ***"99917057"; Tab "Switch cdrs"; Column H;*** Kopja **Dok. SB6** esebita a fol.103

[100] **Dok.MG** a fol. 209; File ***"99917057"; Tab "Switch cdrs"; Column K.*** Kopja **Dok. SB6** esebita a fol.104

[101] **Dok.MG** a fol. 209; Tab ***"Switch unsuccessful cdrs".*** Kopja **Dok. SB6** esebita a fol.105

[102] **Dok.MG** a fol. 209; File ***"99917057"; Tab "Switch cdrs";*** Kopja **Dok. SB6** esebita a fol.104

Dawn ir-rizultanzi, meta mqabbla mal-*call profile* ta' Kane Grima, juru li **meta Grima cempel lil Camilleri (MOC) fit-8:33:34pm, fit-8:40:24pm u fit-8:41:27pm u meta Camilleri cempel lil Grima 8:43pm**, dan ukoll kien qed jinqabad mill-antenna ta' **Technopark**.[103] Meta ssir telefonata lil terzi Camilleri jerga' 'jinzerta' fl-istess akkwata ta' Grima tenut kont li fid-9:01:21 l-*sms* li rcieva minghand terz inqabdet mis-*cell tower* IbragTaylor.[104] Telefonati li Grima ghamel fid-9:08:29pm u 9:17:10 inqabdu wkoll mis-*cell tower* ta' Manoel Island.[105] Camilleri ghamel zewg *missed calls* lil Grima fit-08:18:12pm u 8:41:20pm, bl-*antenna* tkun dik ta' Technopark.[106]

Jigi sottolinejat li t-telefonata li kienet qed isir serqa, dahhlet id-depot ghall-habta tal-**8:55pm** u fejn ix-xhud okulari semma' li kien lemah persuna diehla fir-residenza tal-girien ghall-habta tat-**8:50pm.**[107]Kien hawn li Stivala gharraf lill-pulizija b'dak li kien qed issehh u sussegwentement il-malviventi hallew il-fond: *"Kemm gie minn kantuniera to my right,* ***mar quddiem id-dar, kif ra lili rega' gera l-istess posizzjoni minn fejn gie..hares lejja qisu u telaq****…Gie minn fuq bankina, qasam it-triq u ha jitla' bankina sa hemm…u telaq lil hemm u minuta wara hareg l-iehor"*.[108]

Wara dan il-hin ma jirrizultawx aktar telefonati bejn Camilleri u Kane Grima**. Laudi jghid li telaq mid-dar xi 8:10pm**[109] u l-ewwel telefonata li ssir lil Grima minn Camilleri hi *missed call* fit-**8:18:12pm.**[110]

Jirrizulta wkoll li kemm Camilleri kif ukoll Grima inqabbdu fl-istess zoni tas-*cell towers* ta' Ibragg fl-istess hinijiet u cioe` 8:59pm (Camilleri) u 9:01pm(Grima); u dak ta' Manoel Island fid-9:08pm (Camilleri) u 9:08:29pm u 9:17:10pm (Grima).

Jigi mfakkar li meta l-imputat jigi mistoqsi dwar ir-relazzjoni ma Okane Grima jghid *"Ilni nafu, nafu zgur imma* ***ma nghamilix mieghu."***.[111]

---

103 **Dok.MG** a fol. 209; File ***"99973043";*** Tab " ***"Switch cdrs";*** Kopja **Dok. SB2** a fol.87
104 Ibid.
105 **Dok.MG** a fol. 209; File ***"99973043";*** Tab***"Switch cdrs".*** Kopja **Dok.SB2** a fol.85
106 **Dok.MG** a fol. 209; File ***"99973043";*** Tab***"Switch unseuccessful cdrs".*** Kopja **Dok.SB2** a fol.87
107 Fol.216
108 Fol.376
109 Fol.8
110 **Dok.MG** a fol. 209**;** Tab ***"Switch unsuccessful cdrs".*** Kopja **Dok. SB6** esebita a fol.105
111 Fol.340

**Allura jekk dan hu minnu, kif jigu spjegati dawn it-telefonati kollha bejniethom? Telefonati li saru bejniethom fl-istess lokalita` u propju fil-hin li kien qed isir l-isgass?**

Ghalkemm Camilleri jistqarr li mar u habbat fi-residenza xi zmien ghall-habta tat-28 ta' Marzu, 2017, [112] analizi tad-data esebita minn Marisa Gauci, **Dok.MG**,[113] li tmur lura sal-25 ta' Marzu, 2017, turi li **kien biss fil-jum tal-1 t'April, 2017, fil-hin bejn 8:26:16pm u 8:43:46pm li Camilleri kien f'dawk l-inhawi.**[114] Madwar hames minuti wara ghall-habta tat-8:50pm,[115] il-Pulizija rceviet it-telefonata li persuna kien dahal fir-residenza li sfat sgassata.

**PC844 Carl Micallef** fir-rapport minn tieghu jghid hekk: *"kien hemm evidenti marki ta' attentat ta' **sgass fuq tieqa** mal-faccata tal-fond kif ukoll marki ta' sgass fuq il-bieb ta' barra tal-istess fond".*[116]

**Joseph Mallia,** espert mahtur biex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti li nstabu fuq ix-xena tar-reat u dawk tal-imputati, esebixxa r-rapport tieghu. Mallia jiddikjara: *"Bhala konkluzzjonijiet ghandi nghid li wahda mill-impronti li skond il-Pulizija u skond ir-ritratti giet misjuba fuq tieqa tal-aluminium miftuha giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk kienet **identika mis-sebgha l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Matthew Camilleri**".*[117] In kontro-ezami jikkonferma li hu ma kienx mar fuq ix-xena u l-informazzjoni dwar fejn instabet l-impronta tirrizulta minn dak li s-*scene of crime officer* kiteb fir-rapport minn tieghu.

Interessanti id-dikjarazzjoni li jaghmel l-espert fuq domanda tal-abbli difensur meta staqsieh dwar jekk jsitax jindika meta tkun thalliet l-impronta fuq it-tieqa: *"il-finger print, jiena li ghamilt ezaminajt il-lifter, **rajt il-lifter li qed jghid li gie minn fuq it-tieqa jekk hemmx xi haga li tindika li dan veru gie minn fuq it-tieqa**. Bhala meta lifter ezempju jittelgha minn fuq switch allura jrid jkun hemm ghal inqas parti mis-switch. **Meta jiena ghamilt dan il-comparison, qabel ma dan il-finger print.** Pero meta gie impoggi hemm jiena ma nistax nghid….**No you cannot age a finger-print."***[118]

---

[112] *"Xi erba t'ijiem ħames t'ijiem wara li printjat l-istima….".* a fol.312
[113] Fol.209
[114] **Dok.MG** a fol. 209; File ***"99917057"; Tab "Switch cdrs"; Column H;*** Kopja **Dok. SB6** esebita a fol.103
[115] Fol.216
[116] **Dok.CM** a fol.127
[117] Fol.224 et seq.
[118] Fol.372

Mallia jsemmi wkoll kif impronta li nstabet fuq *jewel box* kienet identika mas-sebgha l-kbir ta' id ix-xellugija ta' Kane Grima.[119]Grima li kien il-persuna li l-imputat kien qed ikollu kuntatt kontinwu mieghu fil-hin tal-isgass meta t-tnejn li huma kienu inqabdu minn cell tower li kien ikopri Triq id-Delu, fejn tinstab id-dar li sfat sgassata!

Mir-ritratti tas-*scene of crime officer* **PC844 C. Micallef** jidher cjar li l-impronta fuq l-unika tieqa tal-aluminium li tidher taghti ghall-barra, inghatat in-numru **301**.[120] Imbghad mir-relazzjoni tas-*scene of crime officer* **PC1525 Farrugia** nsibu:

*"17 AVU **301** Impronta zviluppata fuq in-naha ta' barra ta' tieqa li tinsab fejn il-bieb ta' barra tal-fond.*
*17 301A: Ritratt relattiv ta' dok.17 AVU **301** riprodott gewwa l-laboratorju forensiku"*[121]

L-Ewwel Imputazzjoni: Tentattiv ta' Serq

In sostenn ta' din l-imputazzjoni il-Qorti ser terga' tikkunsidra l-provi saljenti fosthom dawk li permezz taghhom tigi kontradetta l-verzjoni tal-imputat; verzjoni li kif ser jerga' jintwera` m'ghandhiex mis-sewwa u nieqsa mid-dovuta korroborazzjoni li f'dan il-kaz hu dak sal-grad tal-probabbli.

Tenut kont tax-xhieda ta' Joseph Mallia u PC844 Micallef, il-Qorti hi altru milli soddisfatta li **l-impronta li giet mqabbla** posittivament mas-*sebgha l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Matthew Camilleri"*,[122] **instabet fuq it-tieqa ta' barra li qeghda fuq it-tarag ftit lil hinn mill-bieb principali**.[123] Din tinsab propju **fuq il-*frame*** taghha, fejn **instabu l-marki ta' llevar.** [124]

Il-Qorti tissotolineja li jekk l-imputat verament ried ihabbat mal-bieb tar-residenza (residenza li ma kellha l-ebda konnessjoni mal-imputat) – wara li telgha sular turgien meta kellu l-*intercom* isfel –

[119] Fol.224
[120] Fol.134
[121] Fol.169D
[122] Fol.224 et seq.
[123] Vide ritratti a fol.129-134
[124] Vide fol.132-134

(i) kien ihabbat mal-**hgiega u mhux mal-*frame;***
(ii) kien juza l-ghekiesi tas-swaba *(knuckles)* u
(iii) jekk uza il-pala tal-id, kif jista' jigi spjegat li kien hemm *positive comparison* unikament mas-"s***ebgha l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Matthew Camilleri***"[125]u ma nstabet l-ebda impronta tal-kumplament tal-pala tal-id? **Min ihabbat b'sebghu ma tieqa?**

Fil-kaz odjern gie kkunsidrat ukoll t-tieqa **ma kienitx fuq it-triq** u ghalhekk b'access ghall-pubbliku, izda tinsab fil-**parti privata** tar-residenza. Residenza li biex taccedi ghaliha wiehed irid jitla` sular tarag maqsum f'zewg indani ta' tarag.

Kif intwera fil-kors tal-interrogazzjoni tieghu, Camilleri ma joffri ebda spjegazzjoni li ghandha mis-sewwa ghal dan l-agir.

Daqstant iehor l-imputat issib diffikulta` kbira jispjega l-bahh assolut ta' provi meta dan suppost hu negozju, u fejn hu maghruf li fin-negozju kull transazzjoni ghandha xi *paper trail* jew *supporting documentation*.

Kif ingiebu provi dwar negozju w *quotes* rigwardanti klijenti ohrajn izda fuq il-*quote* tal-persuna misterjuza bl-isem 'Borg' ma ngibet l-ebda farka ta' prova? Ghaliex dan 'Borg' jibqa' ma jigix identifikat meta kien klijent prospettiv? Ghaliex ma tirrizulta l-ebda telefonata maghmula bejn Camilleri u dan Borg? Min hadem il-*quote* ta' Borg u minn fejn originaw il-qisien? Kif suppost baghthom dan Borg biex tkun tista tinhadem il-*quote* u kif ghazel il-materjal tal-kcina u tas-sufan? Fejn huma l-provi li dan il-klijent vera ezista?

L-imputat jinqabad f'gidba hoxna, meta wara li taha *quote* bid-data tat-28 ta' Marzu, **2017** li fuqha hemm miktub Borg *99372830",*[126] meta jigi biex isisbha fuq il-mobile, ma jsibx dik li kien taha lill-ispettur Baldacchino (bid-data tal-2017) izda **l-original taghha bid-data tat-2 ta' Frar, 2018**. Ghalhekk kif qatt seta' mar biha ghall-habta tat-28 ta' Marzu **2017** kif jispjega fl-istqarrija tieghu jekk lanqas kienet ghada tezisti??

Jichad li jiffrekwenta lil Kane Grima, izda l-provi tal-*call profiles* juruhom f'kuntatt kontinwu fl-istess lokalita` fil-hinijiet li sar l-isgass. Fil-fatt is-*cell tower* Technopark tal-Mosta hu l-uniku *cell tower* li qabad dawn it-telefonati kollha fil-hin tal-isgass; indikazzjoni li baqghu fl-istess post. Intwera' wkoll kif dan **is-*cell tower* ikopri Triq id-Delu, it-triq fejn tinsab ir-residenza ta' Laudi**.

125 Fol.224 et seq.
126 **Dok.SB** a fol.79

L-inginier Cordina jixhed dan: "***l-coverage map fuq liema dokument ukoll gie indikat triq partikolari illi tidher li qeghda tigi within jew koperta parti minnha minn din is-sector.***[127]***…***…[dwar il-*call profile* ta' Camilleri] ***saru numru ta' attivita ta' mobile originating calls u mobile terminating calls, dawn li kienu qeghdin fl-ewwel t' April two thousand and seventeen bejn it-tmienja u nofs u disgha neqsin kwart bejn wiehed u iehor. Din l-attivita kienet qeghda fuq c-cell Techno Park 3G sector C, illi ghadni kif prezentajt id-dokument li juri l-coverage map fuq liema dokument ukoll gie indikat triq partikolari illi tidher li qeghda tigi within jew koperta parti minnha minn din is-sector."***[128]

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Dylan McKay:**[129]

> Illi allura l-appellant li kien prezenti fuq ix-xena tar-reat flimkien mal-ezekutur materjali tad-delitt jista' jitqies illi huwa ko-awtur jew fl-aghar ipotesi bhala komplici, billi, kif inghad, tingieb il-prova tal-allegat ftehim bejnu u bejn persuna wahda jew aktar. Dan ghaliex irid necessarjament jigi ippruvat dak li komunement huwa imsejjah l-'*common design*' bejn l-awturi u/jew l-kompliċi u l-komportament tal-istess irid jindika lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi ikun intenzjonat sabiex l-att kriminuz jirnexxi. Dan il-komportament jew intenzjoni irid jirriżulta mill-inqas mil-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt miftiehem, mingħajr il-ħtieġa tal-konsumazzjoni kompluta. Dan ghaliex:
>
> **"Il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat[130]."**

Gie soddisfacentement ippruvat li bejn Matthew Camilleri u Kane Grima kien hemm *a common design:*

- l-impronta ta' Camilleri fuq tieqa li tinsab fil-parti privata tad-dar,dar li ma kellu l-ebda konnessjoni maghha;
- il-*localization data* tieghu u ta' Grima tpoggihom fl-istess post sa minn ftit wara li Laudi halla d-dar sa ftit tal-hin wara harbu minn fuq il-post;
- il-fatt li l-impronta ta' Camilleri nstabet propju fuq it-tieqa li minnha sar id-dhul u l-hrug ta' Grima u ezatt fejn sar il-llevar;
- it-telefonati bejn Camilleri u Grima;
- l-impronta ta' Grima li nstabet fuq *jewellery box* li kienet f'kexxun ta' kamra tas-sodda u thalliet mill-malviventi fit-tarag.

---

[127] Fol.369

[128] Ibid.

[129] Qorti tal-Appell Kriminali per Onor.Imhallef Edwina Grima, Deciza 29.22.2018; Appell Kriminali numru. 523/2016

[130] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter** – Appell Superjuri 14/12/2004. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Nazzareno Briffa et,** Deciza 3 ta' Frar, 1984 (Vol. LXVIII.v.309); Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Salvu Muscat**, Deciza 9 ta' Novembru, 1957 - Vol. XLI.iv.1484.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Reuben Alessandro Abela:**[131]

> 13. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.
>
> 14. Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvija lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.
>
> 15. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.
>
> 16. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.
>
> 17. Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta – jekk ikun hemm; kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[132] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.
>
> 18. Il-grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[133] Lord Moses stqarr hekk :

---

131 Per Onor. Imhallef Aaron M. Bugeja; Deciza 7 ta' Jannar, 2020; Appell Kriminali Nru.236/2017

132 **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

133 Ibid.

Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

19. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[134] jgħidu s-segwenti : -

In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

20. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

21. Huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

22. Illi l-partijiet fi proċeduri penali, il-Prosekuzzjoni *in primis*, u li għandha d-dmir li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, trid tosservanza dik li hija magħrufa bħala l-*best evidence rule*, l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

[134] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[135]6

23. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[136]

24. Kwindi minbarra r-regola li huwa meħtieġ li tiġi prodotta l-aħjar prova, jekk f'każ partikolari jkun hemm evidenza li tkun ċirkostanzjali, indiretta jew indizzjarji, huwa essenzjali li tali provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku. Jekk mill-banda l-oħra l-provi indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat.

Fis-sentenza **Il-Pulizia vs Tyrone Pace** gie kkunsidrat:[137]

Fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija v Paul Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wieħed (2001) intqal illi:

***"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat."***

Ugwalment fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija v James Abela** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax (11) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) gie ddikjarat illi:

***"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-***

---

[135] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[136] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.
[137] Qorti tal-Magistrati (Malta); Per Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit, Deciza 10 t'Ottubru, 2016

***incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin".***

Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada** datata l-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) gie ddikjarat illi:

***"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci".***

Illi guristi Inglizi bhal per ezempju **Pollock C.B** (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahal fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita` u qal is-segwenti:

***"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".***

Illi mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghal konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wahedhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.

Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjurii) fil-proceduri **Ir-Repubblika ta' Malta v. *Omissis,* Rida Salem Suleiman Shoaib, Omissis** intqal:[138]

[138] Per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano, Onor. Imhallef Joseph A. Filletti, Onor Imhallef David Scicluna, Deciza 15 ta' Jannar, 2009; Apell Kriminali Numru 14/2003

Kif inhu risaput, prova indizzjarja fil-kamp penali tista' tkun ferm aktar importanti minn prova diretta, izda tali prova ghandha dejjem tigi ezaminata bl-akbar reqqa. Il-principji li jirregolaw dan il-kamp tal-provi huma spjegati fi ***Blackstone's Criminal Practice 2008***[139] hekk:

**"Circumstantial evidence is to be contrasted with direct evidence. Direct evidence is evidence of *facts in issue*. In the case of testimonial evidence, it is evidence about facts in issue of which the witness claims to have personal knowledge, for example, 'I saw the accused strike the victim'. Circumstantial evidence is evidence of *relevant facts*, i.e. facts from which the existence or non-existence of facts in issue may be inferred. It does not necessarily follow that the weight to be attached to circumstantial evidence will be less than that to be attached to direct evidence. For example the tribunal of fact is likely to attach more weight to a variety of individual items of circumstantial evidence, all of which lead to the same conclusion, than to direct evidence to the contrary coming from witnesses lacking in credibility.**

**"Circumstantial evidence 'works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities' (*DPP v. Kilbourne* [1973] AC 729 per Lord Simond at p. 758). Pollock CB, likening circumstantial evidence to a rope comprised of several cords, said:**

**'One strand of the cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction, or more than a mere suspicion; but the whole, taken together, may create a strong conclusion of guilt, that is, with as much certainty as human affairs can require or admit of.' (*Exall* (1866) 4 F & F 922 at p. 929)**

**"However, although circumstantial evidence may sometimes be conclusive, it must always be narrowly examined, if only because it may be fabricated to cast suspicion on another. For this reason, it has been said that: 'It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference' (*Teper v. The Queen* [1952] AC 480, per Lord Normand at p. 489). Nontheless, there is no requirement, in cases in which the prosecution's case is based on circumstantial evidence, that the judge direct the jury to acquit unless they are sure that the facts proved are not only consistent with guilt but also inconsistent with any other reasonable conclusion (*McGreevy v. DPP* [1973] 1 WLR 276)."**[140]

**…….**

Bazikament l-appellant jikkontendi li ebda wahda mit-tliet cirkostanzi indizzjarji – il-lokalita` ossia vicinanza ta' fejn instabu s-sapuniet ghall-post fejn kien jghix l-appellant, l-analizi kimika ta' dak li nstab, u l-kaxxa li fiha nstabu xi whud mis-sapuniet – ma setghu jwasslu ghall-konkluzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-appellant kellu xi forma ta' pussess jew kontroll fuq dawk is-sapuniet. Din il-Qorti, filwaqt li hi lesta li tikkoncedi li individwalment, u cioe` jekk kull cirkostanza tittiehed wahedha u in izolament, kien ikun ferm difficli ghall-gurija li tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, l-istess ma jistax jinghad jekk dawn ic-cirkostanzi jittiehdu fl-assjem taghhom kif ukoll flimkien ma' xi cirkostanzi ohra……

139 O.U.P.

140 Pagni 2279-2280, para. F1.16.

Kif ukoll gie ritenut:

> Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.[141]

Fuq dan l-insenjament, mhemmx dubbju li diversi huma l-provi indizzjarji li jwasslu lil din il-Qorti sabiex issib htija f'Camilleri ghat-tentattaiv ta' serq imputat lilu; serq li kieku sehh kien ikun aggravat bil-mezz, hin[142] u lok. **Serqa li giet sfrattata meta Camilleri lemah il-garr ta' Laudi fit-tieqa, u Grima li kien lahaq dahal gewwa halla r-residenza b'idu f'idu! Bl-ebda sforz tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li l-imputat iddesista milli jissokta bis-serqa minn rajh!**

*L-Aggravju tal-Valur*

Il-prosekuzzjoni, permezz tal-ewwel imputazzjoni migjuba, issostni li kieku sehhet is-serqa din kienet tkun aggravata bil-valur li jeccedi l-€2,329.37.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Omissis** il-Qorti rriteniet:[143]

> Illi ghar-rigward tal-lanjanza konsegwenzjali li ladarba Francesco Camilleri qatt ma ddepona f' dawn il-proceduri u fid-dawl tal-fatt li minn imkien ma jemergi l-valur tal-oggetti li setghu jinsterqu mill-fond *de quo*, ma jirrizultax l-aggravanti tal-valur, l-appellant ma ghandux ragun ghaliex biex jigi determinat il-valur ta' oggett misruq ma hemmx bzonn jinhatru esperti izda dan jista' jkun determinabbli mill-gudikant tal-fatt mill-esperjenza tal-hajja ghab-bazi tac-cirkostanzi. Umbaghad meta si tratta ta' akkuza ta' tentattiv ta' serq, fejn ma jkun insteraq xejn, aktar u aktar ma tistax issir stima tal-oggetti li kienu setghu jinsterqu.
>
> Dan pero' ma jfissirx li b' daqshekk it-tentattiv ghandu jitqies li jkun kaz ta' serq semplici w cioe' minghajr l-aggravanti tal-valur. Il-gudikant tal-fatt ghandu dritt iqis ic-cirkostanzi kollha akkompanjanti t-tentattiv tas-serq u bil-buon sens jiddetermina l-valur potenzjali tal-oggetti li setghu insterqu.
>
> Hawn si tratta ta' serqa ppjanata minn qabel fejn giet *"targeted"* residenza ta' zewg persuni anzjani li maghhom kienu jghixu mill-inqas tlitt persuni zaghzagh. Ma tridx tkun espert biex tikkonkludi li f' residenza fejn anki hemm *swimming pool*, anki fejn ikun hemm ghamara bazika

---

141 **Il-Pulizija vs Dennis Cilia**; Deciza 27 t'April, 2017 Per Onor. Imhallef Edwina Grima

142 Il-hin kien ghall-habta tal-8:50pm fl-1 t'April.

143 Per Onor. Imhallef Dr. Joseph Galea Debono; Appell Kriminali Numru. 366/2009 Deciza 21.01.2010

w rudimentari, izda normalment ikun hemm *appliances* bhal *fridge, television*, xi *radio*, u accessorji ohra oltre xi flus kontanti w xi oggetti bhal deheb ornamentali li jintlibes,eccetera, jkun hemm oggetti b' valur komplessiv li jeccedi l-Ewro 232.94 skond l-artikolu 267 tal-Kodici Kriminali, li hu l-artikolu rilevanti li ssemma mill-Avukat Generali fin-Nota ta' rinviju ghall-gudizzju (fol. 148 tal-process) u l-artikolu li tahtu sabet htija l-Ewwel Qorti w li ccitat fis-sentenza appellata. .......

Ghalhekk l-Ewwel Qorti, anki jekk ma tigix mehuda in konsiderazzjoni d-depozizzjoni ta' Francesco Camilleri mehuda waqt l-atti tal-inkjesta, li del resto ma ssemmix oggetti w valuri, kellha kull dritt li tikkonkludi legittimament li s-serqa kienet potenzjalment intiza biex jittiehdu oggetti b' valur li jeccedi dak imsemmi fl-artikolu 267 ossia Ewro 232.94 (ossia LM100).

L-istess konsiderazzjonijiet gew mtennija fis-sentenza tal-istess Qorti diversament preseduta, **Il-Pulizija vs Joseph Cutajar:**[144]

Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kuljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha tal-ammont tal-hsara (jew tal-valur ta' l-oggett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-ligi (ez. jekk hux aktar minn ghaxar liri, aktar minn hamsin lira jew aktar minn hames mitt lira – Art. 325(1), Kap. 9), m'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima ta' l-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" (Art. 650(1), Kap. 9): l-ispejjez ta' tali perizja u ddewmien li din neccessarjament iggib ikunu inutili u ghalhekk ingustifikati.

Fil-kaz in dezamina baqa' ma giex soddisfacentement ippruvat il-valur tal-*jewellery* li nstabu mahruga minn posthom. Madanakollu Esther Laudi issemmi li mill-kxaxen inhargu *jewellery boxes* fejn fosthom kien hemm curkett, pendent, imsielet u perli.[145] Mhemmx dubbju li l-valur ta' dawn jiskorri l-valur ta' €232.94 u ghalhekk l-aggravju tal-valur gie debitament ippruvat.

Pero` ma jistax jinghad sal-grad tal-konvinciment morali li kieku sehhet is-serqa l-valur tar-*res furtiva* kien ikun dak li jeccedi l-€2,329.37 kif tippretendi l-prosekuzzjoni. Biex seta' jsir dan, l-inqas haga li kellha taghmel il-prosekuzzjoni kienet semplicement li taghmel domanda f'dan is-sens lix-xhieda Laudi; dan ma sarx!

Konsegwentement gie ppruvat biss li kieku sehhet is-serqa din kienet ser tkun wahda aggravata bil-valur li jeccedi il-€232.94c.

---

144 Per Onor Imhallef Vincent Degaetano; Appell Kriminali Numru 139/2005, Deċiża 23.09.2005.

145 Fol.161-162

It-Tieni Imputazzjoni – Hsara Volontarja

Horace Laudi esebixxa stima tal-hsarat u cioe` ta' €800.[146] Kif jirrizulta mill-istima ta' €800 msemmija minn Laudi, din kienet tirrigwarda biss il-bieb u mhux tat-tieqa.[147] Ghalkemm hu ferm probabbli li kien l-istess imputat li kif ghamel hsarat mat-tieqa, kien hu li ghamel il-hsarat fuq il-bieb, dan ma giex soddisfacentement ppruvat. Ghaldaqstant ma jistax jinstab hati ta' din it-tieni imputazzjoni.

It-Tielet Imputazzjoni: Ksur tal-*Bail Conditions*

**L-Ispettur Joseph Busuttil** esebixxa l-*bail conditions* li nghataw mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri nhar l-10 ta' Mejju, 2012,[148] liema kaz ghadu pendenti bl-istess kundizzjonijiet quddiem il-Magistrat Joe Mifsud, fejn l-istess spettur flimkien mal-ufficjal prosekutur f'din il-kawza huma l-ufficjali prosekuturi f'dak il-kaz.[149]

Riferenza ser issir ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) **Il-Pulzija v. Hussein Hamada:**[150]

> **F 'dan il-kaz, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eccetra il-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proceduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu nghataw ikunu ghadhom pendenti fil-mument meta jkun gie allegat li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest.** Dan ghaliex fil-kaz li dawk il-proceduri kriminali jkunu gew mitmuma, jintemmu wkoll il-kondizzjonijiet marbuta maghhom – salv il-kaz t'appell mis-sentenza fejn jistghu jkunu ritenuti vigenti skont l-Artikolu 416(1A) tal-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz din il-prova tal-vigenza tal-proceduri penali fil-mument li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk **il-Qorti ma tistax tassumi li ghadhom pendenti ladarba din il-prova ma ngabitx fl-atti mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk din il-Qorti sejra ssib li din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi u b'hekk ser tillibera lill-imputat minnha.**

Imbghad isir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Dustin Bugeja**:[151]

---

146 **Dok.HL** a fol. 158, u **Dok.HL1** a fol.159
147 **Dok.HL** a fol. 158
148 **Dok.JB** a fol.355
149 Fol.353-354
150 Magistrat Dr. Neville Camilleri, Deciza 13 ta' Jannar, 2016
151 Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Deciza 25 ta' Frar, 2016; Appell Nru: 493/2013

Illi illum bl-emendi li dahhlu fis-sehh permezz ta'l-Att VIII tal-2015 dina id-distinzjoni madanakollu mhux biss ma saritx mill-legislatur, izda dahhlet "*blanket provision*" li **ma thalli l-ebda diskrezzjoni** iktar f'idejn il-Qorti billi l-konfiska tal-garanzija jew depozitu ghandha issa tassattivament issir dejjem immaterjalment jekk il-ksur ikunx wiehed serju jew *de minimis*. [emfazi tal-Qorti]

L-istess Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Biondy Clayd RAAFENBERG** iddecidiet:[152]

10. Illi kwantu għat-tieni aggravju, l-Avukat Ġenerali għandu raġun. Fil-każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tal-Maġistrati ma għandhiex diskrezzjoni jekk tordnax li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandux jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta jew le. Il-Liġi hija tassattiva u bla kantunieri. Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja :

(a) il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien; **u**

(b) l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta; **u**

(c) minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'dan ir-reat għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest; **u**

(d) il-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna; **u**

(e) il-proċedimenti għal dan ir-reat ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza; **u**

(f) Il-Pulizija tista tidħol f'kull fond biex tiżgura li l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti jkunu qegħdin jiġu mħarsa; **u**

(g) Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata ta' reat ta' ksur ta' kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.

11. F'dan l-isfond kollu għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx fis-sentenza tagħha ma tordnax il-konfiska tad-depożitu u tal-garanzija. L-appell tal-Avukat Ġenerali jimmerita li jiġi milqugħ.

Ghalhekk din l-imputazzjoni giet soddisfacentement ippruvata.

[152] Per Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja; Deciza 12 ta' Dicembru, 2019; Appell Nru. 451 tal-2018

Ir-Raba Imputazzjoni: Recidiva

**L-Ispettur Baldacchino** esebixxa numru ta' sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat li kollha ghandhom il-konnotati tal-imputat: Sentenza tal-Magistrat Dr. Gabriella Vella, moghtija nhar il-21 ta' Frar, 2012,[153] din tirrigwarda sejbien ta' htija fuq serq fejn Camilleri tqieghed taht ordni ta' *probation*. Sentenza ohra hi dik moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke nhar it-28 ta' Novembru, 2012,[154] ukoll dwar **serq,** fejn Camilleri gie kkundannat 4 snin prigunerija. Sentenza ohra moghtija mill-Magistrat Dr. Carol Peralta datata t-18 ta' Dicembru, 2012[155] li permezz taghha gie estiz l-ordni ta' *probation* fuqu impost, ukoll giet esebita.

Peress li ai termini tal-artikolu 25(1) tal-Att dwar il-Probation, ordni ta' probation ma titqiesx bhala dikjarazzjoni ta' htija, hu biss permezz tas-sentenza moghtija 28 ta' Novembru, 2012,[156] li Camilleri jista' jitqies bhala recidiv u dan ghall-finijiet tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali:

> **25.** (1) Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, minbarra -.........

Il-Hames u s-Sitt Imputazzjoni: Falsifikazzjoni – Art.188(1), Art.189 tal-Kodici Kriminali

L-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' falsifikazzjoni ta' dokument kif ukoll l-uzu tieghu ai termini tal-Artikoli 188(1) u 189 tal-Kodici Kriminali rispettivament.

Fil-kaz in dezamina rrizulta li meta l-pulizija gabret ghadd ta' dokumenti li jittrattaw in-negozju mal-kumpanija Taljana minghand familjari tal-imputat, inghataw lilhom diversi kopji ta' *quotes.* Fost dawn kien hemm zewg dokumenti intestati **Offerta n.18. li l-kontenut taghhom kien differenti, wahda datata it-2/2/18**[157] **u ohra 28/3/2017.**[158]

[153] **Dok.SBZ** a fol.272-273
[154] **Dok.SBZ1** a fol.274-281
[155] **Dok.SBZ2**
[156] **Dok.SBZ1** a fol.274-281
[157] **Dok.SB3** a fol.79
[158] **Dok.SB4** a fol.98

Irrizulta li l-*quote* datata Marzu, 2017, Matthew Camilleri kien ipprovdiha lill-pulizja fl-ewwel interrogazzjoni tieghu.[159] Interessanti hu li fl-ebda minn dawn il-*quotes* l-ohra ma hemm indikat l-*email address* tal-imputat, izda f'kull kaz l-***email*** **hu dak tal-kumpanija Taljana biss**. L-istess jinghad ghan-numru tal-mobile tal-imputat li jidher biss fil-verzjoni ta' Marzu, 2017 u fl-ebda *quote* ohra.

Fl-ewwel konversazzjoni meta gie mitkellem mill-pulizija - mhux taht interrogazzjoni - bil-ghan li jispjega ghaliex instabu l-impronti tieghu fuq tieqa tad-dar ta' Laudi, hu kien semma' li mar fl-akkwati xi zmien qrib it-**28 ta' Marzu, 2017. Tajjeb jinghad li s-serqa saret fl-1 t'April, 2017.**

Meta sussegwentement Camilleri gie interrogat u ntalab jipprovdi l-prova li *Offerta No.18* bid-data tat-**28 ta' Marzu, 2017** (li kienet tirrigwarda **kcina w sufan u** li fuqha fejn *ID cliente* hemm miktub b'biro *"Borg 99372830"),* kien verament irceviha w mhux holoqha hu, ghazel li jibda jfittixha fil-mobile tieghu.

Gara izda li minflok li sab dik datata fit-28 ta' Marzu, 2017, li kien pprovdiha lill-pulizija, minflok sab ohra intestata *Offerta No.18* bid-data tat-**2 ta' Frar, 2018,** li kienet tirrigwarda **bieb**:[160]

*"Matthew Camilleri: Tini cans ara x ser niftah,* ***din hawn data 2/2/18 issa jien ha nurik meta rcivejta, 2nd February fl-istess gurnata….***
*Surgent: Din il quotation li gibtilna* ***min ircevija?***
*Matthew Camilleri****: Jiena****…."*[161]

Madanakollu ghalkemm l-ispettur Baldacchino jixhed li l-imputat ammetta mieghu li kien dahhal id-dettalji tieghu fuq il-*quote* ta' Marzu, 2017, sabiex jevita li l-kumpanija Wood System SRLS tigi kkuntatjata mill-pulizija, dan baqa' ma giex soddisfacentement ippruvat.[162] Fil-fatt l-istqarrijiet tal-imputat tieghu ma jindikaw xejn minn dak li jallega l-Ispettur Baldacchino fix-xhieda tieghu.

Maghdud dan kollu, il-Qorti tista' biss tispekula li d-dokument li l-imputat ghadda lill-pulizija kien wiehed li gie ffalsifikat minnu jew fuq ordni tieghu stess biex juzah fit-tentattiv li jsahhah il-verzjoni li taha lill-pulizija.

---

[159] **Dok.SB** a fol.79
[160] **Dok.SB3** a fol.88
[161] Fol.327
[162] Xhieda S. Baldacchino a fol.75: *"Matthew Camilleri kien ukoll mistoqsi fuq dan il-kont fejn qalilna wkoll li kien miss dan it-tip ta' dokument qabel ma tah lilna ghaliex ma xtaqx illi l-Kumpanija tieghu tigi fit-trouble il-Kumpanija, il-Mother Company tigi fit-trouble."*

Izda kien jispetta lill-prosekuzzjoni iggib dawk il-provi li jwasslu lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali li d-dokument intestat *Offerta N.18* datat 28 ta' Marzu, 2017, li l-imputat ghadda lill-pulizija kien wiehed falsifikat. Ma sar xejn minn dan!

Ghaldaqstant ma tistax tinstab htija fuq il-hames u s-sitt imputazzjoni.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li dan kien nuqqas kbir da parti tal-prosekuzzjoni li kellha kull opportunita` tressaq bhala xhieda rapprezentant ta' Wood System SRLS, li l-kuntatti taghhom jidhru f'numru ta' *quotes* esebiti. Dan seta jsir anke permezz ta' talba ghall-assistenza reciproka ai termini tal-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali jew semplicement anke permezz ta' *video-conference* jew *audio-conference* kif jipprovdi l-Artikolu 647A tal-Kodici Kriminali. Mankanza ohra hi n-nuqqas tal-prosekuzzjoni li titlob ghall-hatra ta' espert bil-ghan li jiddetermina jekk dak id-dokument kienx ffalsifikat, izda ma saret l-ebda talba simili.

Hi nkwetanti li minkejja li l-legizlatur ilu zmien li pprovda ghall-ghoddod effettivi u effikaci fil-glieda kontra l-kriminalita`, intizi kemm ghall-investigazzjonijiet kif ukoll ghall-prosekuzzjoni, mhux qed isir rikors ghalihom. B'konsegwenza ta' dan, akkuzi jibqghu ma jigux sostanzjati.

Dan jimmina serjament l-isforzi legizlattivi li jsiru sabiex tigi msahha u mharsa r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja; kemm mal-persuna li ssib ruha akkuzata kif ukoll mas-socjeta` li, ghall-harsien u protezzjoni taghha, gew mfassla kwadri legizlattivi li ma jafux fruntjieri bejn Stat u iehor.

Piena

Il-Qorti qiset li l-piena applikabbli ghall-ewwel imputazzjoni hi dik ravvizata bl-artikolu 278(3) tal-Kodici Kriminali li tfisser li l-piena erogabbli hi dik ta' bejn 7 xhur u erba snin, liema piena ma ghandhiex tinghata fil-*minimum*. Gie kkunsidrat li f'dan ir-rigward tenut kont ta' dak li jipprovdi l-artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali, il-piena ghandha titnaqqas minn grad ghal zewg gradi.

Madanakollu kif tixhed il-fedina penali tal-imputat jirrizulta li dan qabad karriera fis-serq, u fejn minkejja l-opportunitajiet moghtija lilu biex jirriforma, ghazel li jissokta bil-kondotta kriminuza tieghu, tant li fil-konfront tieghu gew rezi applikabbli l-artikolu 50 kif ukoll l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali.

Issir riferenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha ricentement pronunzjata, **Il-Pulizija vs Anthony Cassar et**:[163]

> Illi l-piena erogata trid tkun tali illi taghmel gustizzja u li tfittex li tohloq bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u c-cirkostanzi attenwanti li jista' jkun hemm. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:
>
> **(a) the punishment of offenders**
> **(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)**
> **(c) the reform and rehabilitation of offenders**
> **(d) the protection of the public**
> **(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.**
>
> Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.
>
> Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –
>
> **' …. The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'**
>
> **Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**
>
> **'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'**
>
> **Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**
>
> **'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'[Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino]".**

[163] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Dec.3 ta' Lulju, 2020; Appell Numru: 113/2014

Decide

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni, mill-hames u mis-sitt imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(a), 280(2), 281, 289 u 579(1)(2)(3) tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannah ghal **sentejn (2) prigunerija**.

Tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija ta' **€6,000** hekk kif indikat fid-digriet ghall-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri nhar l-10 ta' Mejju, 2012.[164] Inoltre` tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest imsemmi w tordna l-arrest mill-gdid ta' Matthew Camilleri.

Finalment u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' **€349.55** rapprezentanti nofs l-ispejjez peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**MAGISTRAT**

[164] **Dok.JB** a fol.355